*Kitba ta' Tony Terribile*

# IL-KNISJA TA'SANT ANĠLU.

Iż-Żejtun hu raħal kbir u mifrux ħafna. Huwa għani fl-istorja, fl-arkitettura tal-bini li nsibu fih u bosta minn uliedu taw sehem kbir u importanti fin-nisġa ta' l-istorja ta' dan ir-raħal u ta' ġżiritna.

Fost dawn insemmu lil Gregorio Bonici, benefattur kbir li kien ta l-art biex tinbena l-knisja parrokkjali ta' Santa Katerina li l-ewwel ġebla tagħha ġiet imqiegħda fil-25 ta' Novembru tas-sena 1692. Gregorio Bonici ta wkoll sehem importanti fl-istorja ta' Malta għax bejn l-1654-55 kien il-Ħakem tal-belt ta' l-Imdina. Imbagħad fl-1653 kien ambaxxatur tal-Kunsill Popolari Malti f'Licata fi Sqallija.

Kien joqgħod fid-dar kbira Aedes Danielis, ġawhra ta' arkitettura li nsibu f' dan ir-raħal.

Kif inhu xieraq il-misraħ ta' quddiem din id-dar kbira, huwa msemmi għalih. Barra din id-Dar f'dan il-misraħ insibu ħwejjeġ oħra li jfakkruna f'dan in-nobbli bħal m' hi Triq Licata, imsemmija hekk għal dak il-post fejn Gregorio kien ambaxxatur u wkoll iż-żewġ knejjes żgħar u sbieħ tal-Madonna tal-Bon Kunsill u ta' Sant Anglu. Il-ħarsa tagħna se nwaddbuha fuq din il-knisja, li għandha l-bieb tagħha jħares lejn id-dar Aedes Danielis. Irħama fuq il-bieb prinċipali tal-knisja, tgħidilna li din il-knisja nbniet fl-1670 minn Gregorio Bonici u għalhekk din il-knisja hi ġuspatronat tal-familja Testaferrata Bonici Viani.

Minn ġewwa l-knisja, fis-sempliċita tagħha, għandha. arkitettura sabiħa, pilastri doppji ta' stil doriku, b' saqaf ċatt mistrieħ fuq it-travi.

Tiġbed ħafna l-attenzjoni l-prospettiva ta' l-artal maġġur, magħmula minn żewg kolonni, b'kapitelli korinti fuqhom u mimlija skultura fina.

Din l-iskultura tispikka ħafna fil-gwarniċa tal-kwadru titulari, fil-friez baxx ta' fuqu u fil-gwarniċun li tagħlaq parti minn din il-prospettiva.

Fuqha mbagħad naraw tieqa li ddur nofs tond u mad-dawra naraw skultura sabiħa ta' weraq u dekorazzjonijiet oħra li jingħalqu mbagħad permezz ta' żewġ anġli kbar imzejna bil-ġwienaħ. Is-sena 1670 minquxa f'nofs din it-tieqa, tfakkarna s-sena li fiha nbniet din il-knisja.

Fil-kwadru naraw il-mewt tal-qaddis liebes l-abitu Karmelitan, mgħejjun minn żewġ anġli kbar filwaqt li fir-rokna tal-lemin naraw żewġ anġli jġorru f'idejhom is-simboli tal-martirju, waqt li fuqhom hemm dawl qawwi ħiereġ mis-sema. Hu kwadru movimentat, sabiħ fil-kompożizzjoni tiegħu u b'ilwien tassew sbieħ. Hu kwadru magħmul minn Guzeppi Arena.

Ta' l-istess pittur huma ż-żewġ kwadri laterali ta' din il-knisja. F' wieħed minnhom naraw lill-Madonna bil-Bambin u fl-ieħor naraw lil Sant' Elena imperatriċi. Dan il-kwadru hu ferm isbaħ mill-ieħor u fih tidher ħafna l-id artistika tal-pittur Arena.

Dawn mhumiex l-uniċi xogħlijiet ta' dan il-pittur f'din il-knisja għaliex din il-knisja hija mżejna b'erba' xogħlijiet oħra ta' dan il-pittur. Dawn il-pitturi huma mqiegħda f'għamla ta' niċċa magħmula mill-ġebel. Dawn il-pitturi jirrappreżentaw lil Sant' Agata, lil Santa Luċija, lil Santu Rokku flimkien ma' San Leonardo u lil Santa Apollonia. Dawn il-kwadri, fihom bosta dettalji, tipici tal-pittur Arena.

F'din il-knisja kienu wkoll jindifnu l-membri ta' din il-familja nobbli Maltija fosthom Gregorio Bonici. Il-lapidi fil-qiegħa ta' l-art għadhom ifakkruna f'dawn in-nobbli Maltin.

Ma' dawn insemmu monument kbir u sabiħ magħmul minn kwalitajiet u lwien differenti ta' rħam, li dan qed ifakkar lil Ewgenja Testaferrata Bonici li mietet fl-1886. Il-medaljun tal-bronż ta' dan in-nobbli hi biċċa xogħol sabiħa ta' l-arti.

Kif rajna din il-knisja żgħira, iżda sabiħa li nsibu fil-qalba taż-Żejtun, għandha marbuta magħha storja, arti u tifkiriet. Dawn, miġbura flimkien qegħdin jiffurmaw parti mill-istorja taż-Żejtun.

